# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 157/01**

**Numru 23**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**John Saliba**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm623.94) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Novembru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat li l-istess konvenut gie notifikat skond il-ligi kif jidher a fol11 tal-atti ("a tergo") oltre l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm623.94,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Novembru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur